Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Supretendent Patrick Spiteri)

vs

Paul Demanuele

Illum 13 ta Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet illi permezz taghhom l-imputat fuq imsemmi Paul Demanuele, iben Carmelo u Victoria nee' Attard, imwieled fil-15 ta' Gunju, 1970 gie akkuzat talli :

(a) fil-perjodu ta' qabel it-8 ta' April, 2000 f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' arma tan-nar (senter) tal-marka Benelli numru A248192 minn vettura numru FAB143 li kienet ipparkjata fi Triq il-Karmnu San Giljan ghad-detriment ta' Pisani Godfrey, liema serq jeccedi LM50 (hamsin liri Maltin), izda huwa anqas minn LM1,000 (elf

liri Maltin), liema serq huwa kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-Kap. 9 Art. 261, 267 u Art 271(g);

(b) Talli xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehduda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Kap. 9 Art. 334;

(c) ikkaguna hsara volontarja fuq vettura numru FAB143 liema hsara taccedi LM10 (ghaxar liri Maltin), izda hija anqas minn LM50 (hamsin liri Maltin) ghad-dannu ta' Pisani Godfrey u dan bi ksur tal-Kap. 9 Art 325 (c);

(d) U akkuzat aktar talli fit-8 ta' April 2000 ghall-habta ta' 6.40a.m. fil-bajja ta' Ghadira fil-Mellieha waqt li kien fuq opra tal-bahar numru tar-registrazzjoni S11019 kien ghall-kacca u / jew tehid ta' ghasafar minn fuq il-bahar u kellu fil-pussess jew kontroll tieghu arma tan-nar, senter tal-marka Benelli numru A248192 meta ma kellux licenzja valida ghall-kacca u tehid ta' ghasafar minn fuq il-bahar u dan bi ksur ta' A.L. 145/93 u A.L. 146/93 Art 4;

(e) Garr arma tan-nar Benelli A248192 meta ma ghandux licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art 7(1);

(f) Fittex jew dar ghall-kacca u / jew ha jewipprova jiehu ghasafar minghajr licenzja bi ksur ta' A.L. 146/93 Art 7 (1) (2);

(g) Garr u zamm arma tan-nar Benelli numru A248192 ikkargata, li kellha skratacc fil-magazine u li kienet barra mill-ghata taghha f'post fejn mhux permess kacca u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art. 8;

(h) Ikkaccja jew ippruva jikkaccja, minn fuq il-bahar ghasafar f'distanza ta' tlett kilometri mill-kosta u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art. 9(2)(b);

(i) Garr fuq il-bahar, filwaqt li kien anqas minn 3 km mill-kosta arma tan-nar Benelli numru A248192 li kienet ikkargat, bl-iskratacc fil-magazine u mhux fl-ghata u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art. 9(2)(c);

(j) Ikkacja jew ippruva jikkaccja minn fuq opra tal-bahar li ma tkunx registrata mal-Awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Art 9(2)(d);

(k) Garr arma tan-nar ikkargata f’distanza ta’ anqas minn 200 metru boghod mill-abitat u f’inqas minn 50 metru boghod minn triq pubblika u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Art 9(4);

(l) Kellu il-pussess tieghu arma tan-nar Benelli numru A248192 ikkargata b’aktar minn zewg skratacc fl-istess hin fil-magazine u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Art 9(5);

(m) Ha jew ippruva jiehu ghasafar minn fuq il-bahar minghajr licenzja u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art. 10;

(n) Kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu jew kellu f’idejh jew fuqu arma tan-nar Benelli numru A248192 u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 66 Art. 3 (1);

(o) Gie fil-pussess ta' arma tan-nar Benelli numru A248192 b'xort'ohra milli b'licenza naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 66 Art (9);

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji tal-armi u tal-kacca u nsib ghal mhux inqas minn sena.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti , rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju, 2001;

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara illi rat l-Artikoli 261 (b) (g), 267, 271, 279, 280, 325 (c) u l-Artikoli 4, 7, 8, 9 tal-Avviz Legali 146 tan-1993 kif ukoll l-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 146 tan-1993 u l-Artikoli 3, 9 u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-imputat fuq imsemmi ikkollabora sew maghha waqt l-investigazzjoni;

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri;

Il-Qorti pero' tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-ewwel imputazzjoni, liema imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni;

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi **tillibera** lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, issibu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, is-seba, it-tmien,

id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbghatax u l-hmistax imputazzjoni migjuba kontra tieghu u wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-prigunerija ta' 18 il-xahar sospiza ghal tlett snin mil-lum u ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira (LM300); bi tlett xhur zmien ghall-hlas u bl-applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 9 jekk il-hati jonqos anke minn pagament wiehed biss;

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni, tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzji tal-armi tal-kacca illi ghandu l-imputat ghal zmien sentejn mil-lum u tordna ukoll il-konfiska tal-arma imsemmija.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur